HAL QORMI
Citta' Pinto

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 10 IT-TNEJN 11 TA' JANNAR 2016**

Il-Kunsill Lokali kellu jiltaqa' nhar it-Tnejn 11 ta' Jannar 2016 fis-6.30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet fis-6.40 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Disa' Kunsilliera)**

Ralph Puli, Jerome Caruana Cilia, Bjorn Azzopardi, Renald Falzon, Joseph Aquilina, Robert Reno Cremona, Martina Brancaleone, Marvin Zammit u Antoine Saliba Haig.

Is-S.E. informa li s-Sindku Rosianne Cutajar infurmatu bil-miktub li ma setax jattendi għas-seduta minħabba li kienet ma tiflaħx. Is-S.E. informa wkoll li l-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina infurmah bil-miktub li ma setax jattendi għas-seduta minħabba impenji ta' xogħol.

Fiċ-ċirkostanzi l-Kunsill qies dawn ir-raġunijiet bħala validi u s-Sindku Rosianne Cutajar u l-Viċi-Sindku Jesmond Aquilina ġew meqjusa bħala skużati għal-laqgħa. Għaldaqstant, skont il-provvedimenti tal-liġi, peress li s-Sindku u l-Viċi-Sindku kienu skużati, il-laqgħa ġiet preseduta mill-Kunsillier l-aktar anzjan mill-partit li jkollu l-maġġoranza, f'dan il-każ il-kunsillier Renald Falzon.

**TALBA**

**Il-Kunsillier Renald Falzon** qal it-talba u infurma lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt tal-Kunsill.

**10/01/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 09**

**Il-Kunsillier Renald Falzon** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 09 li nżammet nhar il-Erbgħa 9 ta' Diċembru 2015, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia issekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur Disa'** Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 09 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**10/02 MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET**

**10/02/01** **Il-Kunsillier Renald Falzon** ġibed l-attenzjoni li s-Sindku Rosianne Cutajar attendiet għal din il-konferenza tal-EDEN ġewwa Brussels fejn is-Sindku f'laqgħa sussegwenti se tagħti dettalji dwar din iż-żjara.

**10/02/02** **Il-Kunsillier Renald Falzon** fakkar li l-laqgħa annwali tal-lokalita' se tinżamm nhar it-Tnejn 18 ta' Jannar 2016 fl-uffiċċju tal-Kunsill fejn matulha l-Kunsill se jagħti rendikont tal-ħidma li twettqet matul is-sena 2015 u tal-pjanijiet tal-Kunsill għas-sena 2016. Ir-residenti jistgħu jgħaddu suġġerimenti sabiex jiġu kkunsidrati mill-Kunsill għall-estimi tas-sena 2016.

**10/02/03** **Il-Kunsillier Renald Falzon** infurma li beda x-xogħol fuq il-kappella ta' San Franġisk. Fil-ġranet li ġejjin għandha ssir laqgħa mal-Kumitat Festi Esterni dwar xi aċċessorji li hemm mwaħħlin mal-kappella biex jiġi stabbilit liema minnhom għadhom jintużaw għall-armar.

**10/03 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' DIĊEMBRU 2015**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Diċembru 2015, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. **DOK 'A1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Diċembru 2015
**b)** *Bank Payments* Diċembru 2015
**c)** *Petty Cash* Diċembru 2015

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku ppproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** issekonda.

**Ivvutaw Favur** Disa' Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**10/04 MOZZJONIJIET**

**10/04/01 MOZZJONI – 29-2015(VII)**

Il-mozzjoni 29-2015 (VII) ffirmata mis-**Sindku Rosianne Cutajar** u ċċirkolata mal-aġenda, fl-assenza tas-Sindku ġiet imressqa mill-**Kunsillier Renald Falzon**:

*Nipproponi li l-Kunsill japprova n-nefqa ta' madwar Euro €3000 sabiex tiġi organizzata sfilata tal-Karnival nhar il-Gimgha 5 ta' Frar 2016 fis-7pm, u jsir fi Triq il-Vitorja.*

*Il-programm jikkonsisti permezz ta' sfilata minn Mass band magħmula mit-tlett Baned : il-Banda tas-Soċjeta Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan, il-banda tal-Anici u l-banda San Ġorġ Martri.*

*Din l-isfilata tikkonsisti f'daqq ta' marci ferrieha mit-tliet baned qriema u sfilata minn maskaruni. Wara tinzamm serata ta' kant u zfin minn bosta kumpaniji taz-zfin.*

*Il-koordinatur ta' din l-attivita' huwa s-Sur Jason Busuttil li ġentilment offra l-għajnuna tiegħu.*

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi** ssekondat l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur** Disa' Kunsilliera (09) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova l-mozzjoni 29-2015(VII)**.

**10/05 RAPPORTI**

**10/05/01 APPROVAZZJONI TAL-PERFORMANCE BONUS TAS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV U L-IMPJEGATI**

Wara diskussjoni dwar il-performance tal-impjegati, il-Kunsillier Renald Falzon ressaq din il-mozzjoni.

*"Billi l-kuntratt ta' l-impjegati tal-Kunsill jipprovdi li fl-aħħar tas-sena finanzjarja l-impjegati għandhom jitħallsu l-performance bonus;*

*U billi r-regolamenti finanzjarji jipprovdu wkoll li dan il-Bonus*

a. *m'għandux ikun iżjed minn 6% tar-renumerazzjoni li jkunu qed jitħallsu fil-każ ta' l-impjegati;*

*U billi s-Segretarju Eżekuttiv irrikmanda fir-rapporti mressqa tal-Performance Appraisals, li l-impjegati għandhom jingħataw il-performance bonus kif imsemmi 'l fuq;*

*Qed jiġi riżolt li l-impjegati tal-Kunsilli jitħallsu l-ammont tal-Performance Bonus skont il-persentaġġ kif jidher hawn taħt;*

*U billi fl-opinjoni tiegħi, s-Segretarju Eżekuttiv għandu jingħata wkoll il-performance bonus kif imsemmi aktar 'l fuq;*

| | |
|---|---|
| *Marilyn Baldacchino Gatt* | *6%* |
| *Ritienne Sammut* | *6%* |
| *Maria Lewis* | *6%* |
| *Bernice Darmanin* | *6%* |
| *Noel Pace* | *6%* |
| *Sebastiana Tanti* | *6%* |

**Il-Kunsilliera kollha prezenti** issekondaw l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Disa' (9) Kunsilliera preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova din il-mozzjoni u jħallas il-performance bonus lill-impjegati. Fil-kaz tas-Segretarju Ezekuttiv il-performance appraisal jitressaq mis-Sindku fis-seduta li jmiss peress li dan isir mis-Sindku u kienet skużata għal din il-laqgħa.**

**DOK 'B'**

**10/05/02 AĠĠUDIKAZZJONI TAL-OFFERTA GĦAL XIRI TA' VETTURA LI TAĦDEM BL-ELETTRIKU**

**Il-Kunsillier Renald Falzon stieden** lis-Segretarju Eżekuttiv li kien ukoll is-Segretarju fuq il-Bord tal-Aġġudikazzjoni jressaq ir-rapport li kien jaqra hekk:

*Is-sejħa għall-offerti dehret fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern ta' nhar il-Ġimgħa 27 ta' Novembru 2015, kif ukoll fil-Gazzetta Lokali ta' nhar il-Ħamis 3 ta' Diċembru 2015, liema sejħa għalqet nhar it-Tlieta, 29 ta' Diċembru 2015 fin-12.00pm.*

*Il-Kaxxa tat-Tenders infetħet fid-29 ta' Diċembru 2015, mis-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat, fil-preżenza tas-Sindku Rosianne Cutajar u l-Kunsillier Ralph Puli.*

*Għal din is-sejħa, l-Kunsill irċieva offerta waħda b' erba' "Options"*

| ***Isem*** | ***€*** |
|---|---|
| *Auto Sales Ltd* | *29,730* |
| | *27,770* |
| | *30,538* |
| | *13,356* |

*Il-Bord, kompost mill-Kunsillier Ralph Puli, Renald Falzon u Marvin Zammit ltaqa' biex jiddiskuti dawn l-offerti.*

*Il-Bord elimina l-options A, B, C u D peress li huma l-fuq mill-budget tal-Kunsill. Fir-rigward ta' Option E, il-Bord huwa tal-opinjoni li peress li Eur10,000 se jinghataw minn grant ta' Transport Malta wara li l-Kunsill rebaħ premju fil-kompetizzjoni tas-SUMP, il-Kunsill irid jevalwa jekk din it-tip ta' vettura hux ħa tilqa' għall-esiġenzi tal-Kunsill li jiġġustifikaw id-differenza li jirid joħroġ il-Kunsill.*

**Il-Kunsill iddecieda li għandha ssir evalwazzjoni tal-vettura billi wieħed imur jaraha u ssir konsiderazzjoni dwar jekk fiha ħaddiem tal-Kunsill jistax jgħabbi xi għodda biex ikun jista' jaqdi l-esiġenzi tal-Kunsill.**

**DOK 'C'**

## 10/05/03 AĠĠUDIKAZZJONI TAL-KWOTAZZJONI TA' MINOR WORKS

**Is-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat** ippreżenta l-iskeda ta' kwotazzjonijiet mitfugħa sad-data tal-għeluq, kif ukoll tabella li tipparaguna iż-żewġ offerti mitfugħa.

Il-Kunsill qabel unanimament li tingħażel l-orħos kwotazzjoni jiġifieri dik mitfugħa minn Philip Tanti.

**DOK 'D'**

## 10/05/04 KUNTRATTI SERVIZZI MINN BANED

Is-Segretajru Eżekuttiv Kenneth Brincat fakkar fis-sejħa ta' kwotazzjonijiet maħruġa fis-17 ta' April 2015, għal servizz minn baned.

Għal din is-sejħa, l-Kunsill irċieva tliet (3) sottomissjonijiet;

1. Ghaqda Muzikali San Gorg Martri

2. Socjeta Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan

3. Ghaqda Socjo-Muzikali Anici

Fl-offerti fuq elenkati il-Kunsill ikkonferma li t-tlett offerti huma konformi mal-kundizzjonijiet u rekweziti skont kif elenkati fis-sejħa.

Peress li t-tlett offerti huma identici, il-Bord jirrakkomanda biex jigu magħżula it-tlett offerti, u s-servizzi elenkati jigu mqassma fuq tlett snin b'roster bejn it-tlett baned.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li wara emendi zgħar li ġew maqbula mal-partijiet, jeħtieġ li jiġi ffirmat il-kuntratt. Għaldaqstant, dan il-kuntratt qed jitressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

**DOK ‘E’**

**10/06 KORRISPONDENZA**

**10/06/01** **Il-Kunsillier Renald Falzon** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-korrispondenza dwar: **DOK ‘F 1-8’**

1. Dwar korrispondenza mill-Contracts Manager, il-Kunsill qabel unanimament mar-rakkomandazzjoni tiegħu li tinħareġ Default Notice lil WM Environmental Ltd dwar il-kuntratt ta' knis, wara li ma ttieħditx azzjoni minkejja diversi twissijiet.

2. Dwar disinn ta' Traffic Management fi Triq il-Għasel, Triq id-Dielja u l-akkwata, il-Kunsill ma approvax id-disinn ippropost mill-perit tal-Kunsill.

3. Dwar il-korrispondenza sabiex parti minn Triq tal-Bajjada tiġi two-way traffic flow, il-Kunsill ma laqax it-talba peress li skont il-linji gwida tat-TM, it-triq ma tiflaħx li tkun two-way.

4. Dwar komunikazzjoni minn Transport Malta sabiex il-parkeġġ li jinsab fi Triq Ġuże Cardona, il-Kunsill qabel li d-dħul u l-ħruġ mill-parkeġġ jiġu invertiti.

5. Dwar korrispondenza mill-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri, il-Kunsill qabel mat-talba li l-kunċert skont il-kuntratt jsir fil-20 ta' April. Intant, il-Kunsill għandu jikkomunika mal-għaqdiet sabiex il-kuntratt jiġi ffirmat fil-ġranet li ġejjin.

6. Dwar proposta biex tiġi organizzata ħarġa edukattiva f'Għawdex, il-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta peress li l-prezz huwa għoli wisq. Madanakollu, l-Kunsill għandu jipprova jorganizza ħarġa f'Għawdex fejn il-prezz ma jkunx daqshekk għoli ħalli jkun hemm konkorrenza tajba.

7. Dwar korrispondenza mill-Perit tal-Kunsill fejn ressaq proposta b'disinn tal-madwar tal-Knisja ż-Żgħira ta' San Sebastjan, il-Kunsill approva nem.con.

8. Dwar korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn ġie innutat ir-Rapport maħruġ mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditur, il-Kunsill irrimarka li l-Kunsill Lokali Ħal Qormi huwa wieħed mill-ftit Kunsilli Lokali li ma kellhux rapporti kwalifikati u li fis-sena 2014 irnexxielu joħroġ mid-deficit. Il-Kunsill innota wkoll li r-rapport l-Kunsill ta' Ħal Qormi ġie msemmi biss għal nuqqassijiet trivjali.

## 10/07 AĠĠORNAMENT

**Il-Kunsillier Renald Falzon aġġorna il-laqgħa.**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 1 ta' Frar 2016 fis-6.30 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fid-08:05 ta' filgħaxija.

Rosianne Cutajar
Sindku

Kenneth Brincat
Segretarju Eżekuttiv

Minuti approvati llum ........................ ......... ta' ....................... 2016.